# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 16**

**25 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 16.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

16.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-Kunsillier Horace Micallef għamel referenza għall-punt numru 15.3.12 fejn talab li ssir emenda u jitniżżel il-fatt li hu kien issuġġerixxa li għandha toħroġ *'Expression of Interest'.* Żid jgħid ukoll li għal fini ta' minuti għandha tinbidel il-kelma mozzjoni għal kelma proposta peress li ma kinitx saret mozzjoni. Il-membri qablu unanimament li dawn l-emendi jiġu approvati.

### 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

16.3.1 Ġiet ippublikata l-ħamsa u għoxrin ħarġa tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' fl-okkażjoni tal-Festa tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Din ġiet imqassma f'kull residenza tal-Fontana.

16.3.2 Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia fl-okkazjoni tal-Milied qassmu għoxrin ikla ta' nofsinhar lill-anzjani li jgħixu waħedhom.

16.3.3 Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-kumitat reġjonali li saret fl-uffiċċju l-ġdid fi Triq 10ta' Ġunju 1887.

16.3.4 Twaħħlu CCTV *cameras* fil-*playingfield* bħala prekawzjoni kontra l-vandaliżmu.

16.3.5 Ġew imġedda żewġ tabelli *No Entry* f'tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Ħili, in-naħa ta' Triq Santa Dminka, kif ukoll tnejn oħra cul-de-sac, waħda fil-bidu ta' Trejqet Grezzja Grima u oħra fil-bidu ta' Triq Għajn Tuta.

16.3.6 Ġew imħawla xtieli ġodda fuq il-Belveder tal-Għajn ta' Bendu.

16.3.7 Din il-Ġimgħa ħarġet l-offerta għat-tqegħid tal-Porfido fuq il-bejt tat-tieni fazi taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll Porfido għal meta jitkompla l-uffiċċju tal-Kunsill fejn hemm l-Appell pendenti quddiem il-Qorti. Dan biex ikun l-istess kulur u din se tagħlaq fit-22 ta' Frar

2018. Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk l-offerta ħarġitx bħala waħda kompluta bit-tqegħid jew tnejn seperati. Is-Segretarja spjegat li l-offerta ħarġet bħala waħda kompluta bit-tqegħid skont l-ammonti indikati mill-Perit.

16.3.8 Is-Sindku qal li għandna niktbu lil *Job Plus* kif ukoll lil Onorevoli Silvio Parnis sabiex ninfurmawhom li wara li għaddew xahrejn il-Kunsill għadu ma naghtax 'replacement' minflok Terry Attard. Il-Kunsill mhux se jkollu biex jopera fl-eventwalita ta' assenza tal-uniku ħaddiem f'kas ta' mard jew leave.

16.3.9 Għall-aħħar tas-sena, s-Segretarja ppreżentat fil-Qorti il-Kontro protest bħal tweġiba tal-Kunsill għal Fontana Cottage Industry.

16.3.10 Is-Sindku qal li fi Triq l-Isptar San Ġiljan hemm dgħajsa fuq bankina u għalhekk għandha tittieħed azzjoni fuqha peress li qed tkun ta' nkonvenjent għall-pubbliku. Sar qbil li tiġi nfurmata l-Pulizija.

16.3.11 Is-Sindku semma li l-ilment li ressaq il-Kunsillier Horace Micallef dwar ħofra li hemm fuq bankina fi Triq Kappillan Ħili, saret mill-Water Services Corporation. Intbagħat l-ħaddiem tal-Kunsill biex jirranġa l-Paving Blocks.

## 16.4 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali(*budget*) għas-sena 2018

Is-Segretarja qrat u spjegat l-Estimi Annwali (budget) u l-Pjan ta' Ħidma (Business Plan) 2018-2020 għas-sena 2018. Il-Kunsill mistenni jkollu total ta' €350,555 għal din is-sena u ippjanat li jinvesti sabiex iwettaq diversi proġetti fosthom:

€4,000 sabiex titkompla l-aħħar erbgħin metru ta' bankina fi Triq John Gaspard le Merchant;
€36,000 sabiex l-ispazju pubbliku li hemm fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku jsir bil-Porfido;
€70,000 sabiex isir xogħol ta' Tarmak f'parti minn Triq il-Għajn;
€20,000 sabiex isiru fanali ġodda fi Triq John Gaspard le Merchant u Triq Alessandro Franchi;
€25,000 sabiex issir renovazzjoni tas-Sala tal-Komunita';
€8,000 sabiex isir bin tal-Ħajt tas-Sejjiegħ f'Wied ix-Xlendi;
€23,792 sabiex isiru fanali ġodda 'energy saving' u 'environmental friendly' li jħamġu anqas u jdawlu aktar f'diversi toroq tal-lokalita'.

L-Estimi Annwali ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier Micallef staqsa kif l-ammont allokat għax-xogħol ta'Tarmak fi Triq il-Għajn naqas għal €70,000. Is-Segretarja spjegat li bħala Kunsill ma aħniex f'pozizzjoni li

nkopru l-ispiża sabiex issir it-triq kollha. Kompliet tgħid li sabiex jitwettqu l-proġetti kapitali kollha, wieħed kellu bilfors inaqqas l-ammont ivvotat għal din it-triq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill din is-sena jagħmel parti minn din it-triq u l-parti l-oħra għandna nitolbu li ssir mill-Ministeru ta' Għawdex bħal ma ingħataw fondi lill-diversi Kunsilli oħra u l-Kunsill tagħna ma ngħata xejn. Il-Kunsillier Micallef ma qabilx li din it-triq għandha ssir f'partijiet u kompla jgħid li f'laqgħat preċedenti kien sar qbil li t-triq issir kollha. Is-Segretarja spjegat li l-Ministru għal Għawdex talbitna nibgħatu l-BOQ's updated u wara niġu kkunsidrati sabiex ningħataw il-fondi għas-sena 2019. Is-Sindku qal li kulħadd jixtieq li t-triq issir kollha bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Ġ Ħili iżda mhux possibli li din is-sena issir kollha minħabba limitazzjonijiet finanzjarji. Għalhekk, għandna nibgħatu l-BOQ's lill-Ministru u l-Kunsill jagħmel il-parti sa fejn jista. Is-sena d-dieħla l-kunsill jara jekk tkunx saret mill-Gvern u jikkunsidra f'dak l-istadju. Il-Kunsillier Micallef kompla jgħid li għandna nnaqqsu l-ispejjez minn affarijiet oħra bħal mix-xiri tad-dawl tal-Milied fi Triq il-Kappillan Ħili u argumenta li it-triq għandha ssir kollha u mhux nofsha, f'partijiet. Is-Sindku qal li bil-budget li għandu l-Kunsill qed jiġi propost li jsiru diversi xogħolijiet f'diversi nħawi tal-Fontana. Il-Kunsillier Micallef żid jgħid jekk jistax forsi jsir qbil mal-Kuntrattur sabiex issir kollha u jitħallas it-tieni pagament fis-sena 2019. Is-Sindku qal li għandna nitolbu li ssir mill-Ministeru pero' l-Kunsillier Micallef stqarr li l-Kunsill għandu tort f'dan għaliex webbiżna rasna li ridna nagħmluha aħna, nkluż hu stess. Il-Kunsillier Micallef staqsa lis-Sindku kif ukoll lill-Kunsilliera jekk qrawx l-emails li kitbitilna l-Ministru Għal Għawdex. Is-Sindku wieġeb li le. Is-Segretarja spjegat li l-Ministru talbitna sabiex nibgħatu l-BOQ's *'updated'* sabiex inkunu nistgħu niġu kkunsidrati għas-sena ta' wara, jiġifieri għas-sena 2019. Is-Sindku qal li l-fatti huma li mit-talbiet li l-Kunsill għamel fil-laqgħa tal-20 ta' Lulju li għadda mall-Ministru Għal Għawdex fosthom li l-Ministeru jagħmel il-parti ta' bejn Triq il-Kappillan Ġ. Ħili u l-knisja kif ukoll il-proposti tal-flus pendenti ta' Eko Għawdex, sa llum ma ngħatajna xejn.

Is-Segretarja kkonkludiet li l-Kunsill daqshekk jista jivvota għal Triq il-Għajn, u l-Kunsillier Micallef staqsa sa fejn ħa tasal eżatt din il-parti. Is-Segretarja wieġbet li se titlob lill-Perit sabiex jipprepara BOQ *updated* tal-partijiet rispettivi. Is-Sindku talab sabiex niktbu lill-Ministru u nibgħatulha dawn l-istess BOQ's.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li toħroġ l-offerta tal-fanali għat-toroq J. Gaspard le Merchant u Alessandro Franchi. Għalhekk għandu jiġi avviċinat l-Enġineer Mario Galea biex iħejji l-offerta.

## 16.5 Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill

Is-Segretarja astjeniet mil-laqgħa sabiex il-membri jkunu jistgħu jiddiskutu l-*performance appraisals* tal-Impjegati.

Wara li dawn ġew diskussi s-Segretarja ssejħet lura sabiex titkompla l-laqgħa. S-Sindku staqsa dwar min għandu jimla l-*performance appraisal* tal-iskrivan u s-Segretarja ppreżentat ir-regolamenti li juru li suppost jimtela minnha. Għalhekk ser jintela mis-Segretarja, pero' s-Sindku rrimarka li jħoss li hemm diversi nuqqasijiet fosthom

- l-ispejjeż u l-ħin li daħal fihom il-Kunsill minħabba li l-iskrivan ħalla li jinsterqu żewġ computers fil-prezenza tiegħu mill-uffiċċju tal-Kunsill b'riżultat li l-każ qiegħed quddiem il-Qorti;
- Fis-Sajf li għadda għamel tlett xhur ma jiffirmax l-attendenza;
- Avviżi tal-PA ma jiġux mressqa għal-attenzjoni tal-Kunsill, minkejja li nġibdet l-attenzjoni;
- Qed joħorġu permessi tal-Ipparkjar tal-vetturi lil min ma għandux dritt kif ukoll diversi drabi jinsa iwettaq dak li jkun ordnat biex jagħmel.

Fuq rizoluzzjoni tal-Kunsill il-membri qablu li :

L-Iskrivan s-Sur Christopher Buhagiar, għandu jingħata 3% minn 6% (tlett voti favur li huma s-Sindku, l-Kunsilliera Farrugia u Cefai, filwaqt li l-Kunsilliera Micallef u Mercieca kontra). Is-Segretarju Eżekuttiv qablet mal-Kunsill.

L-Aġent Segretarju, s-Sur Ivan Attard għandu jingħata 8% minn 10% (tlett voti favur li huma s-Sindku, Kunsilliera Farrugia u Cefai, filwaqt li l-Kunsilliera Micallef u Mercieca kienu favur li jingħata 9%).

S-Segretarju Eżekuttiv, Heidi Grech, għandha tingħata 9% minn 10% u fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 16.6 Twaqqif tas-servizz u ftehim bejn il-Green Mt u l-Kunsill Lokali Fontana.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li fit-13 ta' Jannar il-Kunsill rċieva emejl mingħand Green Mt, iffirmata mingħand is-Sur Joe Attard bħala Kap Eżekuttiv. Dan sabiex infurmana li se jwaqqfu s-servizz ta' gbir ta' skart riċikklabbli mill-1ta' Frar 2018. Żid jgħid li din id-deċizzjoni ttieħdet fuq valutazzjoni ta' sostenibilita'. Is-Segretarja spjegat li ħadet il-passi kollha neċessarji fejn wara konsultazzjoni mas-Sindku ntbgħatet tweġiba bl-Avukat tal-Kunsill u saret referenza għall-Kuntratt li ġie ffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta' Ġunju 2016 u dan qed jindika ksur ta' dan l-istess kuntratt. Il-Kuntrattur huwa obbligat li javża dwar din l-intenzjoni tiegħu tlett xhur qabel. Jidher li l-Green Mt bagħtu din l-istess ittra lil diversi kunsilli oħra f'Għawdex. Kunsilli oħra irċevew ittra rreġistra min għand il-Green Mt pero' aħna ma rċivejniex, kif lanqas ma rċivejna xi forma ta' risposta mingħand il-Green Mt għal-ittra li bagħat l-Avukat tal-Kunsill.

Is-Segretarja żiedet tgħid li nfurmat lid-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-għola awtoritajiet tal-gvern dwar din is-sitwazzjoni. Tlabna direzzjoni ta' kif għandna nimxu sabiex nizguraw li s-servizz jibqa għaddej. Sakemm ma nirċevux risposta, l-Kunsill se jibgħat ittra fid-djar sabiex ninformaw lir-residenti dwar din is-sitwazzjoni li se tidħol fis-seħħ mill-1ta' Frar 2018.

## 16.7 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li huwa mehtieg

16.7.1 Ġew ippreżentati Planning Authority Applications b'numri PA/05802/17, PA/05858/17, PA/07815/17, PA/10990/17, PA/05567/17.

16.7.2 Emejl mingħand Ministru Għal Għawdex dwar *'Easter in Gozo'* sabiex ninfurmawhom jekk il-Kunsill hux se jagħmel xi attivitajiet bejn it-3 ta' Marzu u 1 ta' April 2018, kif ukoll dwar jekk hux se jsiru xi attivitajiet relatati ma Jum San Valentinu.

16.7.3 Irċevejna Ċirkulari numru AKL 2018/002 – *Viżibilita' lill-Kunsilli Lokali fuq PBS* sabiex min irid jirreġistra u jipparteċipa fuq programm li se jsir fuq il-PBS.

16.7.4 Emejl mir-Reġjun Għawdex sabiex nressqu l-proposti għad-dokument *'Integrated Territorial Development Strategy for Gozo 2017-2020.'* Dan sabiex ikun jista' jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

16.7.5 Stedina mill-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli li jixtiequ jistgħu joffru mawra kulturali lid-Diplomats li se jkunu qed iżuru lil Malta fis-sena 2018. Il-mawra li se ssir f'Għawdex se tkun ta' bejn 6 u 8 siegħat.

16.7.6 Irċevejna tweġiba mingħand il-Kunsill tan-Nadur kif ukoll mill-Kunsill ta' Għajnsielem fejn infurmawna li jridu jingħaqdu magħna sabiex isir ir-rapport holistiku, ovjament isiru tlett rapporti separati.

16.7.7 Emejl mill-'*Malta Council for the Voluntary Sector'* fejn infurmawna li niedu inizjattiva flimkien mal-Kunsilli Lokali sabiex jgħinu lis-Settur tal-Volontarjat. Qed joffru li ssir laqgħa f'kull lokalita sabiex jinfurmaw lill-għaqdiet bl-opportunitajiet ta' għajnuna li jeżistu. Il-membri qablu li ssir laqgħa fil-lokalita' tagħna u din tista ssir fis-Sala tal-Komunita'.

16.7.8 Transport Malta nfurmawna li nedew proġett ta' nfurzar permezz ta' *'Clamping and Towing'* fuq vetturi bi pjanċi barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f'postijiet pubbliċi b'mod illegali.

16.7.9 Reġjun Għawdex infurmana li issa għandu wkoll '*Facebook Page'* kif ukoll '*website'* li ġiet varata fit-2 ta' Jannar 2018. Għalhekk il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna sabiex jippostjaw l-avvenimenti kulturali fuq din il-'*Facebook Page.'*

16.7.10 Emejl mingħand LCA fejn bagħtulna nformazzjoni għal min hu nteressat li jikkollaboraw f'ġemellaġġ mall-villaġġ ta' Edea fl-Isvezzja.

16.7.11 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li qegħda tiddiskuti mal-Inginier Mario Galea kif ukoll mas-Sur Chris Gauci sabiex jiġu ppreparati l-'*specifications*' u b'hekk jinġabru l-kwotazzjonijiet għal xiri ta' bozoz. Dan sabiex jinxtara *'stock'* li jinżamm fil-Kunsill u b'hekk ikun jista jsir '*stock control'* skont il-proċeduri tal-'*Procurement.*' Dan jagħmel il-proċess ta' verifikazzjoni wkoll aktar faċli u trasparenti. Din kienet sitwazzjoni li nstabet taħdem fil-Kunsill u ma nistgħux nħallsu kontijiet mingħajr ma jkollna tlett kwotazzjonijiet. Is-Sindku rrimarka li ma nistgħux nħallu toroq fid-dlam sakemm jinxtraw id-dwal peress li l-kunsill huwa responsabbli mit-tiswija tal-fanali dekorattivi. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li sakemm nirċievu l-kwotazzjonijiet u jinxtara ammont ta' stock, Chris Gauci huwa nfurmat sabiex jiġbor tlett kwotazzjonijiet kull darba li tinħaraq bozza.

16.7.12 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ktibna lic-Chairman tal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex naraw f'liema stadju waslet l-applikazzjoni tad-Devoluzzjoni tal-Għajn ta' Bendu, l-Għajn il-Kbira u l-bankini tal-madwar.

16.7.13 Kien sar xogħol ta' *'Trenching'* fi Triq Alessandro Franchi mill-Kuntrattur Road Construction u konsegwentament ix-xogħol li sar ta' tiswija niżel u dan jista jkun ta' periklu għar-residenti. Għalhekk il-Kuntrattur intalab jieħu l-passi neċessarji sabiex issir it-tiswija mill-aktar fis possibli.

16.7.14 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Kunsill ħallas l-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Impjegati kif ukoll tas-Sindku u l-Kunsilliera li tkopri s-sena 2018.

16.7.15 Ġiet ppreżentata stima għal xogħol ta' mastrudaxxa mingħand *'Furnique Woodworks'* li Tammonta għal €700. Il-membri qablu li nġibu stima oħra peress li hija għolja.

16.7.16 Intbagħtet it-talba tal-Kunsill lill-PA sabiex ix-Xelter fi Pjazza l-Għejjun jiġi skedat. Ktibna wkoll lil-Lands Registry sabiex l-istess Xelter u Sqaq ta' Kaputt u Trejqet Bieb il-Għajn jiġu rreġistrati mal-Lands Department pero' nfurmawna li nistgħu napplikaw *'online'*.

16.7.17 Twaħħlu t-tabelli tal-'One way' li kienu taru bir-riħ. Qed nirreferu għal waħda li twaħħlet Fi Triq il-Kappillan Ħili u oħra fil-Cul-de-Sac. Waslu wkoll iż-żewġ Doggy bins.

16.7.18 Ġew ordnati l-*'Belishia Lights'* għal Triq il-Kappillan Ħili kif ukoll il-mortonċina Goċċa għall-bankina ta' Triq John Gaspard le Merchant.

16.7.19 Ċirkulari numru 2/2018 – Ħatra ta' Direttut Ġdid mal-Gvern Lokali, s-Sinjura Marisa Pisani.

16.7.20 Irċevejna ittra mil-Lands Authority fejn aħna mitluba ninfurmaw dwar każijiet pendent sabiex jiġu *'updated'* ir-*'records'* tagħhom. Għandhom jiġu nfurmati dwar id-Devoluzzjoni tal-Għejjun u l-bankini fil-madwar.

16.7.21 Il-membri qablu li għandna nitolbu data lill-LESA sabiex issir il-laqgħa dwar *'Safety on the Roads'* fil-lokalita' tagħna.

16.7.22 Ġew ippreżentati ħames kwotazzjonijiet għal xiri ta' *'Emergency lights'* li jridu jitwaħħlu fis-sala tal-Kommunita' kif ukoll fi propjeta tal-Kunsill. Il-membri qablu li għandhom jinxtraw mingħand Hydroelectric.

16.7.23 Is-Segretarja semmiet li għandna żewġ tenders li se jagħlqu, dak tal-ġbir ta' skart domestiku, kif ukoll tas-servizz ta' accountant. Is-Sindku rrimarka li jkun tajjeb jekk niċċekjaw mar-Reġjun peress li kien hemm il-ħsieb li l-offerta tal-ġbir ta' skart toħroġ kolletivament mir-Reġjun. Dan skont il-Ministru tal-Ambjent l-Onorevoli Hose Herrera kif ukoll tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel.

16.7.24 Is-Segretarja ppreżentat €50 (ħamsin) ewro lill-Kunsillier Carmel Farrugia bħal kumpens għas-servizz li ta matul dawn l-aħħar sentejn u nofs meta użha l-vettura privata tiegħu sabiex tqassmet l-ikla ta' Nofsinhar nhar il-festa kif ukoll fil-festa tal-Milied lill-anzjani tal-lokalita'. Is-Sindku qal li meta krejna van swiet madwar €30 ta' darba. Il-Kunsill qabel.

## 16.8 Ilmenti

Il-Kunsill rċieva talba Is-Sur Jean Cassar sabiex jingħata l-permess li jgħolli il-bankina ta' quddiem ir-residenza ta' ommhu. Dan għaliex ommhu għandha bżonn għatba sabiex taċċessa ruħha mill-propjeta' tagħħha u dik preżenti tista tkun ta' periklu għan-nies li jimxu minn fuq il-bankina. Il-Kunsillier Victor Cefai preżenta ritratti tal-bankina u spjega d-diffikultajiet tas-Sinjura Cassar. L-membri ddiskutew din it-talba u l-għatba preżenti hija llegali peress li l-bankina jrid ikollha metru u nofs battala u mingħajr ostaklu. Ta min jgħid li din ma saritx mill-Kunsill. Il-membri qablu li naraw x'jista jsir u għalhekk is-Sindku għandu jmur jara flimkien mal-Bajjad T. J. Muscat li ser jirranġa l-bankina għaż-żebra crossing li se ssir fl-istess triq. Il-Kunsill qabel.

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-kontijiet tal-KopTaco tnaqqsu €24 u ġew approvati sabiex jitħallsu. Il-Kont ta' VCT li jammonta għal €1982.26 ġie approvat.

Ġiet ippreżentata wkoll il-lista ta' xiri tal-*petty cash* għal matul dan ix-xahar. Kien hemm il-qbil li għandha terġa tinxtara x-xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur.

## 16.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2018 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |